# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 29 ta' Marzu, 2019**

**Numru 9**

**Rikors numru 766/06LSO**

**Carmlu Limited (C18879)**

**v.**

**Joseph Cachia**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` Carmlu Limitedipprezentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Awissu, 2006, fejn inghad:

> "1. Illi l-intimat ghandu jhallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' tmint elef seba' mija u tmienja u tletin Liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm8,738.74) rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u lilu kkonsenjata.
>
> "2. Illi minkejja li l-intimat gie interpellat diversi drabi sabiex iwettaq il-hlas hu baqa' inadempjenti.

“3. Illi d-dejn huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti l-intimat ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talba ghall-hlas.

“Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, *in vista* tal-premess u tad-dikjarazzjoni guramentata ta' Roseanne Scicluna, annessa bhala Dok "X", debitament awtorizzata sabiex tirrapprezenta s-socjeta` rikorrenti, u dispensat is-smigh tal-kawza *a termini* tal-Artikolu 167 *et. seq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12), tikkundannah ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' tmint elef sebgha mija u tmienja u tletin Liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm8,738.74) rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija lilu mibjugha lilu kkonsenjata.

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 20 ta' Ottubru 2005 u ta' l-ittra ufficjali datata 4 ta' Novembru 2005, u bl-imghax kummercjali mill-25 ta' Marzu 2003, li hija d-data ta' l-ahhar konsenja, kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni. “

Rat ir-risposta guramentata ta' Joseph Cachia pprezentata fil-31 ta’ Ottubru, 2006, li permezz taghha eccepixxa:

“1. Illi preliminarjament ir-rikors u t-talbiet attrici huma nulli *stante* li r-rekwiziti tal-artikolu 156 (l)(a) u 156 (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma gewx mharsa in kwantu mir-rikors promotur ma tirrizulta ebda dikjarazzjoni tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici dwar il-fatti maghrufa minnu/ha personalment u ma tirrizulta ebda dikjarazzjoni guramentata. *Di piu'* n-nuqqas ta' dikjarazzjoni guramentata rikjesta mil-ligi huwa kkonfermat fir-rikors promotur stess fejn hemm indikat li tali dikjarazzjoni hija annessa bhala dokument 'X', liema dokument ma giex mehmuz mar-rikors u ma jirrizultax mill-atti.

“2. Illi *inoltre'* wkoll *in linea* preliminari t-talba attrici fir-rigward l-ammont ta' hamest elef tmien mija erbgha u sebghin lira Maltija tnejn u tletin centezmu (Lm5,874.32) rizultanti mill-fattura numru 1500 u datata 3 ta' Novembru 1999, kopja taghha annessa u mmarkata bhala dokument 'A' mar-rikors promotur, hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

“3. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici rigwardanti il-pretensjoni ghall-hlas tal-ammonti indikati fil-fattura annessa mar-rikors promotur u mmarkata Dok. ‘A’ huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress li l-eccipjent hallas l-ammonti pretizi mis-socjeta` attrici kif evidenzjat mill-kitba fuq id-dokument anness u mmarkat Dok. 'JC1' u kif

se jigi ppruvat b'mod aktar ampju, jekk ikun il-kaz, waqt is-smigh tal-kawza.

“4. Illi *inoltre*, it-talbiet attrici rigwardanti l-pretensjoni ghall-hlas tal-ammonti indikati fil-fattura annessa mar-rikors promotur u mmarkata Dok. ‘B’ huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress il-merkanzija deskritta fuq l-imsemmija fattura hija merkanzija li giet mixtrija mill-konvenut minghand u kkonsenjata mhux minghand is-socjeta` attrici. Ghal kull bon fini jigi rilevat illi din il-merkanzija giet debitament imhallsa mill-konvenut u dan kif jirrizulta mid-dokument anness ma’ din ir-risposta guramentata bhala Dok. 'JC2' u jekk ikun il-kaz kif jigi pprovat b'mod aktar ampju waqt is-smigh tal-kawza.

“5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat illi permezz ta’ sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta’ Jannar, 2014, il-kawza giet deciza fis-sens illi filwaqt illi cahdet l-ewwel, it-tielet u r-raba’ eccezzjonijiet tal-konvenut, laqghet it-tieni eccezzjoni in kwantu ddecidiet li t-talba attrici ghall-hlas tas-somma ta' €13,683.48, skont il-fattura Dok A, hija preskritta a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li laqghet it-talbiet attrici limitatament ghall-hlas tal-ammont muri fuq il-fattura Dok B cioe` €6,672.30. Kwindi ordnat u kkundannat lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' €6,672.30, rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut, bl-imghaxijiet kummercjali dekorribbli mill-25 ta' Marzu, 2005, sal-pagament effettiv. Bl-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Permezz ta' din il-kawza s-socjeta` attrici qed titlob il-hlas ta' ammont ta' €20,355.78 gja Lm8,738.74, prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta` konvenuta. Din laqghet ghat-talbiet attrici billi sostniet in-nullita` tar-rikors guramentat peress li hu nieqes minn dikjarazzjoni guramentata. *Inoltre* eccepiet il-preskrizzjoni *a tenur* tal-

artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u, fil-mertu, li l-ammont pretiz hu mhallas u li l-merkanzija elenkata fid-dokument B anness mar-rikors promotur ma gietx mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta` attrici.

"Provi Prodotti.

"Xehdet Roseanne Scicluna[1], Direttur Manigerjali u azzjonista tas-socjeta` attrici li kkonfermat li dejjem irrilaxxjat ricevuta ta' hlas lill-konvenut meta dan ghamel pagament. Il-fatturi rilevanti ghall-kawza odjerna huma dawk datati Novembru 1999 u Marzu 2003. Esebiet *delivery note* li tintuza mis-socjeta` attrici u kemm-il darba l-klijent jiehu l-konsenja kollha, din tinbidel f'fattura mahruga apposta li tikkorrispondi ma' dik id-*delivery note* (DOK RAS2).

"Riferibbilment ghad-dokument anness bhala DOK A mar-rikors u dak esebit a fol. 15 tal-process, qalet li tkellmet mal-konvenut kemm-il darba u kien jghidilha li d-dokument kien ghand l-*accountant* tieghu. Dan id-diskors kompla anke matul 2001 u fis-snin sussegwenti. Il-konvenut imbaghad qalilha li kienet imhallsa u talbitu kopja tal-ircevuta. Dan baqa' ma pproduciex ircevuta.

"Hi cahdet li l-kliem *paid* u *settled* fuq id-dokumenti JC1 u JC2 (fol 15 sa 17) mhumiex il-kitba taghha. Il-procedura tal-kumpanija attrici kienet li tinhareg ircevuta apparti meta jsir pagament.

"In kontro ezami riferibbilment ghal DOK JC2 intestata fuq "*Trafalgar*" qalet li l-isem tal-kumpanija attrici ma tidhirx peress li dan hu *delivery note*. L-isem *Trafalgar* huwa isem il-hanut tal-kumpanija attrici li m'ghandux x'jaqsam mal-kumpanija attrici. Peress li kien *delivery note*, xehdet li meta dan kien jigi kkonfermat, kienet tinhareg fattura anke ghall-finijiet tal-VAT mill-kumpanija attrici u ghalhekk ikkonfermat li fil-maggor parti tal-kazijiet tal-konsenji lill-konvenut, id-*delivery notes* kienu jkunu mahrugin fuq intestatura ta' *Trafalgar.* Fir-rigward tad-DOK JC2, qalet ukoll li peress li l-konsenja kollha giet accettata mill-konvenut, kienet inharget il-fattura mehmuza mar-rikors mahluf u intbaghtet lill-konvenut. (DOK B a fol. 3A) datata 25 ta' Marzu 2003. Il-konvenut kien ihallas generalment f'ammonti ta' mijiet zghar u ma setax ikun li dawn l-ammonti taz-zewg fatturi mertu tal-kaz thallsu f'daqqa.

"Xehed Emmanuel Farrugia[2] impjegat mas-socjeta` attrici qal li l-hlas kien isir lil Roseanne Scicluna u kien ikun rifless f'ricevuti skont l-ammont li kien gie mhallas u skont il-fattura li dwarha dak il-hlas ikun sar. Fuq il-fattura li zzomm il-kumpanija attrici u fuq dik li jkollu l-klijent jitnizzel ukoll riferenza tar-ricevuta li nharget.

[1] Xhieda a fol.32 *et.seq.* tal-process.
[2] Xhieda a fol.37 *et.seq.* tal-process.

“Joseph Cachia xehed b'affidavit (fol.42 *et.sequitur*).Qal li igestixxi l-hanut l-*Amerikan* f'Regency House, il-Belt. Kien jinnegozja ma' Roseanne Scicluna bejn 1998 sa 2005 sakemm ircieva ittra legali u ittra ufficjali. Tul dan il-perjodu kien jixtri diversi konsenji ta' hwejjeg minghandha.

“Il-prassi li kellhom kien li Roseanne Scicluna kienet taghmillu fattura ma’ kull konsenja. Kien jixtri gieli minghand is-socjeta` attrici u gieli minn ghand Roseanne Scicluna personalment taht zewg *trade names* differenti. Kienet ittih fatturi intestati diversament taht *Carmlu Ltd, Trafalgar* u *Louis Caruana.* Qal li ma kenitx izzomm ktieb wiehed u l-fatturi ma kienux isegwu fl-enumerazzjoni u kellha hafna kotba tal-fatturi mibdijin.

“Kien ihallas regolarment ma’ xi kull zewg konsenji tal-fatturi b'lura. Qatt ma kien ikollu iktar minn zewg fatturi mhux imhallsa u tul is-snin qatt ma ilmentat mieghu ghaliex kien dejjem regolari fil-hlas. "*Mir-records tieghi jidher li hallastha tal-fatturi kollha u ta' kull konsenja ta' merkanzija li xtrajt minghandha."*

“Hu qal li ma kull pagament li kien jaghmel lil Roseanne Scicluna "*konna niktbu 'settled'* jew *'paid'* fuq l-istess fattura jew darba kultant ittih tip ta' ricevuta informali dwar il-pagament. Qal li fuq il-maggoranza ta' fatturi l-uniku sinjal ta' hlas kien billi xi drabi taghmillu '*Settled'* jew '*Paid’* per.es. DOK JC3. B'turija ta' dan esebixxa kopji ta' fatturi "*li kienet taghtini mal-konsenja u tiffirmali 'Paid' fuqhom."* (DOK JC4 u JC5). Cahad li Scicluna kienet tghaddilu *delivery notes.* Kienet tghaddilu fatturi biss u dawn kienu iservu ta' *delivery notes* u hafna drabi bhala ricevuta. Afferma li kull konsenja li ha minghand Roseanne Scicluna u mis-socjeta` attrici hija mhallsa.

“L-ewwel darba li sar jaf bil-pretensjoni rigward il-fattura 001500 datata t-3 ta' Novembru 1999 (DOK A) kien meta rcieva ittra legali datata 20 ta' Ottubru 2005 u l-ittra ufficjali tal-4 ta' Novembru 2005.

“Rigward il-fattura numru 002181 (DOK B) datata 25/3/2000 qal li din il-merkanzija kienet mixtrija minn Roseanne Scicluna taht it-*trade name Trafalgar* skont kif jidher mill-fattura DOK JC2 (fol.17).

“Cahad dak li xehdet Scicluna u qal li kien hallasha Lm2,533.68 personali bhala *Trafalgar* u esebixxa zewg fatturi taht l-intestatura *Trafalgar* (DOK JC6 u JC7) fejn hi kienet qed tagixxi personalment taht dan it-*trade name* u hallasha personalment.

“In kontro-ezami[3] qal li jirrizulta mill-fatturi li esebixxa li kien hallas l-ammonti pretizi f'din il-kawza. Qal li kellu *records* ohrajn li kienu juru li l-kumpanija attrici stess kienet tistqarr li thallset.

[3] A fol 52 *et.seq.* tal-process.

“Qal ukoll li gieli kiteb il-kelma *paid* hu fuq il-fatturi. Kien gieli jaghmel *double checking* u meta kien jirrizultalu li l-fattura kienet imhallsa, kien jikteb '*paid*' ghall-informazzjoni tieghu. Difatti l-kelma '*Paid*' fuq il-fatturi in kwistjoni a fol 30 u 31 (002677 u 001500) rispettivament hija l-kitba tieghu b'referenza ghad-dokument a fol. 31 ghal '*Paid*' miktub fuq in-naha ta' fuq u fuq in-naha ta' wara tal-istess dokument isfel.

“Riferibbilment ghal DOK JC3 (fol 45) (fattura intestata fuq *Louis Caruana)* il-kelma '*Paid*' mhix f'kitba tieghu. Kiteb hu l-kelma '*Paid*' fuq Dokti JC4, JC5 u wahda minnhom fuq DOK JC6 u l-istess f'DOK JC7 (fol.46-49). Ma setax jidentifika minn kiteb il-kelma l-ohra *paid* fuq Dok JC6 u JC7. Imbaghad qal li huma miktuba mill-attrici nomine.

“Qatt ma kien jinsisti li jinghata ricevuta tal-hlas peress li kellu l-prova bil-kelma '*Paid*' jew '*Settled*'. Dan kien jiktibhom hu izda fuq uhud mid-dokumenti ma kienx tieghu. Scicluna mhux dejjem kienet tikteb *settled* fuq il-fattura meta kienet thallset tal-fattura kollha.

“Il-kelma *'Settled'* fuq DOK JC1 a fol. 15 u l-original a fol.31 mhuwiex kitba tieghu. Id-*double checking* li kien jaghmel kien isir bl-ghajnuna ta' awditur jew *accountant* tal-kumpanija minhabba ragunijiet ta' ligi fiskali. L-*accounant* kien jara d-dokumenti biss, ma kienx imisshom. Qatt ma kien jinaghata *delivery note.* Il-firma *J.Cachia* fuq DOK JC1 hija tieghu.

“<u>Espert Kaligrafiku</u>

“Fil-kors tal-proceduri inhatar Joseph Gaffiero bhala espert kaligrafiku dwar id-dokument JC1 u partikolarment dwar il- kliem *'settled'* u '*paid*' miktuba fuq dak id-dokument. Fir-rapport tieghu pprezentat a fol. 64 sa 70 ikkonkluda li minn paraguni li "*jidhru minn fuq JC1 u JC2 mal-kampjuni li ghamlet quddiemi Roseanne Scicluna, jien ma jibqali ebda dubju go mohhi li dawn il-kliem ma kitbithomx hi imma huma foloz. Insostni li l-kelma 'settled' (fol.15 u 16) huma ikkuppjati u mxebbha ma' taghha, izda huma foloz, daqs kemm hi falza l-kelma 'Paid' li min kitibha ma kellux mnejn jikkopjaha!*"

“B'nota (fol.73) il-konvenut talab il-hatra ta' periti addizzjonali. Sussegwentement u minghajr pregudizzju, talab li jeskuti l-perit tekniku bis-sospensjoni tat-talba tieghu ghall-hatra tal-periti addizzjonali. Dan ir-rikors gie milqugh (fol.76) u wara l-eskussjoni tal-Perit Tekniku, il-Qorti kif diversament presjeduta, iddikjarat maghluq l-istadju tal-gbir tal-provi u halliet il-kawza ghall-finali trattazzjoni, u sussegwentement ghas-sentenza.

“<u>L-Eccezzjonijiet sollevati</u>

“1. In-nullita` tar-Rikors Guramentat "*stante li r-rekwiziti tal-artikolu 156 (l)(a) u 156 (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma gewx mharsa in*

*kwantu mir-rikors promotur ma tirrizulta ebda dikjarazzjoni tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici dwar il-fatti maghrufa minnu/ha personalment u ma tirrizulta ebda dikjarazzjoni guramentata."*

"Il-kawza odjerna giet istitwita *a tenur* tal-artikolu 167 *et.sequitur* tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ir-rikors mahluf jaghmel riferenza ghad-dikjarazzjoni guramentata ta' Roseanne Scicluna "*hawn anness bhala Dok. 'X'*" izda tajjeb josserva l-konvenut li din id-dikjarazzjoni mhix mehmuza. Dan l-artikolu jiddisponi *inter alia: -*

"*Iżda l-attur għandu fid-dikjarazzjoni tiegħu, magħmula skont l-artikolu 156(3), jiddikjara li safejn jaf hu l-konvenut ma għandux eċċezzjonijiet x'jagħti kontra t-talba:"*

*-omissis-*

"*(3) Id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 156(1)(a), (b), u (ċ), (2) u (3) u tal-artikolu 159 jgħoddu għal dan ir-rikors ġuramentat*."

"Illi fejn ikun hemm eccezzjonijiet ta' nullita` bhal dawk li gew sollevati fil-kawza odjerna, wiehed ghandu jezamina jekk verament dawn l-eccezzjonijiet fis-sustanza taghhom iwasslux ghan-nullita` *o meno*. Fil-fatt, l-emendi li saru fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fl-1995 kienu intizi, *inter alia,* proprju sabiex jigu evitati dawn it-tip ta' eccezzjonijiet.

"L-Art 156(1)(a) tal-Kap 12 jghid illi rikors ġuramentat għandu jkun fih dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża. Din id-dispozizzjoni (anke kif kienet qabel l-emendi tal-1995 u tal-2005) inghatat fil-gurisprudenza interpretazzjoni wiesgha fis-sens li ma gietx adottata l-istrettezza li donnhom ifissru l-kliem tal-ligi. ("*Stephen Grech v On. Prim Ministru et*." - P.A.(JZM) dec. fit-30 ta' Settembru 2013).

"Hekk fis-sentenza "Moore noe vs Falzon et" (Prim'Awla tal-Qorti Civili – PA/AM – 15 ta' Dicembru 1995) kien deciz li: -

"*Il-ligi ma tirrikjedix kliem partikolari ghal kif ghandha ssir ic-citazzjoni, bizzejjed jiftiehem xi jkun qieghed jitlob l-attur, b'mod li l-kawzali tista' tkun espressa lakonikament, u sahansitra tista' tkun anke ridotta mid-domanda*." (Ara-Kollez. XXXIV.I.501, XXIX.I.143 u XXXII.I.228).

"Hekk ukoll inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza "Bonnici vs Zammit noe" deciza fl-20 ta' Jannar 1986 fejn it-tifsira tal-Art.156(1) kienet spjegata hekk –*"Illi l-Artikolu 156(1) jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni. Dan ma jfissirx pero' li kwalunkwe nuqqas da parte ta' l-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost ta' l-Art.155(1) [illum 156(1) tal-Kap.12] u ghalhekk igib mieghu n-nullita` tac-citazzjoni. Infatti biex citazzjoni tigi mwaqqfa jrid ikun hemm raguni*

*gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defungenti jew zbaljata b'mod li l-konvenut ikun jista' jigi pregudikat fid-difiza tieghu. Dan apparti li c-citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita' taghha u mhux spezzettata."*

"Fil-kawza "Vella vs Cefai" (Appell Civili – 4 ta' Novembru 1991 – Kollez. Vol.LXXV.II.467) il-Qorti tal-Appell kompliet tafferma li f'dawn il-kazi huwa dejjem opportun li l-Qorti, kemm jista' jkun ghall-pratticita` u sabiex tigi evitata multiplikazzjoni ta' kawzi u spejjez zejda, ghandha tkun iebsa meta tilqa' l-eccezzjoni tan-nullita` u kemm jista' jkun issalva atti gudizzjarji, u att ta' citazzjoni ghandu jigi mwaqqa' u annullat biss ghal ragunijiet gravi. In-nullita` ta' l-atti gudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi mposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali.

"Dan principalment peress li n-nuqqasijiet imsemmija fl-eccezzjonijiet, ma ppregudikaw b'xi mod lill-konvenut fis-sens li ma setax jiddefendi lilu nnifsu, ma jikkostitwixxix raguni gravi li ghandha twassal ghan-nullita`.

"Ukoll kif gie ribadit *"Il-prassi segwita mill-Qrati taghna, anke a bazi ta' l-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-1995, inkluz l-Artikolu 175 tal-Kap. 12 hija li 'formalizmu ezagerat ilu hafna li gie mnaqqas u limitat u bir-ragun il-ligi qieghda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet ta' diversi forom li jnutruh' ('Fino vs Fabri noe' – Qorti tal-Appell – 28 ta' Frar 1997) u konsegwentement 'l-atti ghandhom jigu salvati anziche annullati jew dikjarati nulli' ('Ellul vs Coleiro' – Qorti tal-Appell – 24 ta' Jannar 1994).*"

"Jinghad ukoll li l-Art.156(1) ghandu jinqara wkoll flimkien ma' l-Art.789 tal-Kap.12. Infatti l-kazi li fihom l-eccezzjoni tan-nullita` ta' atti gudizzjarji tista' tinghata huma dawk imsemmija fis-subartikolu (1) tal-Art.789. L-erba' (4) cirkostanzi msemmija f'dak l-artikolu huma tassattivi fis-sens li biex dik l-eccezzjoni ta' nullita` ta' att gudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa' taht il-parametri ta' xi wahda minnhom. ("*K.B. Real Estate Limited vs Silvio Felice Limited*" – Prim'Awla tal-Qorti Civili – PA/JRM – 13 ta' Marzu 2003).

"Fil-kaz tallum, din il-Qorti ma tarax li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ssib sostenn fl-Art.789 tal-Kap.12 u ma twassalx ghan-nullita` ta' dawn il-proceduri. Ir-rikors promotur gie debitament ikkonfermat bil-gurament minn rapprezentanta tal-kumpanija attrici u f'dan ir-rikors hemm ukoll l-istqarrija rikjesta taht l-artikolu 167(3) u cioe` li fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti, l-intimat m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talba ghall-hlas. Hija din l-istqarrija li hija mitluba mill-legislatur f' din il-procedura sommarja specjali.

"Il-fatt li d-dikjarazzjoni li ghaliha jirreferi r-rikors bhala Dok X mhuwiex mehmuz mar-rikors kjarament sar bi zvista u in kwantu li dawn il-proceduri komplew skont b'*iter* ordinarju, il-Qorti ma tarax li gie rekat xi pregudizzju lill-konvenut in kwantu li kull parti ipproduciet ix-xhieda taghha.

"Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi respinta.

"<u>Artikolu 2156(f) tal-Kap.16</u>

"*Il-konvenut eccepixxa wkoll in linea preliminari li t-talba attrici fir-rigward l-ammont ta' hamest elef tmien mija erbgha u sebghin lira Maltija tnejn u tletin centezmu (Lm5,874.32) rizultanti mill-fattura numru 1500 u datata 3 ta' Novembru 1999 hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

"L-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili jghid:

"*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*

"*(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li gej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn hwejjeg oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku;"*

"Illi l-elementi kollha mehtiega biex titqies eccezzjoni bhal din jirrizultaw fil-kaz prezenti, billi huwa maghruf li fil-kaz ta' bejgh bl-ingrossa l-preskrizzjoni applikabbli hija dik mahsuba fl-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. Il-kreditu pretiz mill-kumpanija attrici huwa wiehed li jaqa' fil-parametri tal-krediti mahsubin fl-artikolu 2156(f) tal-Kodici.

"Il-fattura numru 001500 li hija wahda miz-zewg fatturi li taghhom is-socjeta` attrici qed titlob il-hlas, iggib id-data t-3 ta' Novembru 1999. Din il-kawza giet istitwita fil-11 ta' Awwissu 2006 u ghalhekk *prima facie* jidher li t-terminu preskrittiv ghadda. *Inoltre* r-rikors guramentat jirreferi ghall-ittra ufficjali datata l-4 ta' Novembru 2005 li wkoll saret *fuori termine.*

"Qabel xejn jigi rilevat li l-*exceptio soluti* u l-eccezzjoni li l-kawza tressqet wara zmienha (jigifieri preskritta) ma jitfux lil xulxin bhala eccezzjonijiet inkompatibbli[4]. Madankollu, l-eccezzjoni tal-hlas tista' sservi biex twaqqa' dik tal-preskrizzjoni[5]. Dan isehh billi l-hlas, jekk ippruvat, huwa wahda mir-ragunijiet mahsuba mil-ligi biex tikser iz-zmien tal-preskrizzjoni[6].

---

[4] App. Inf. 7.1.1939 fil-kawza fl-ismijiet *Caruana vs Spiteri* (Kollez. Vol: XXX.i.964)
[5] App. Inf. 2.6.2003 fil-kawza fl-ismijiet *Mario Lapira vs C .& A. Company Ltd.*
[6] Art. 2134 tal-Kap 16

"Il-konvenut issostni li l-fatturi gew imhallsa u jsejjes din l-eccezzjoni tieghu fuq dak miktub fuq il-fattura stess. L-originali hija esebita a fol 31 tal-process. Madanakollu dan m'hu ta' l-ebda ghajnuna peress li ma hemmx data hdejn il- kliem *Paid* u *Settled* apparti l-kwistjoni tal-attendibbilta' ta' dawn l-annotamenti fuq il-fattura li giet vigorosament ikkontestata mis-socjeta` attrici.

"Il-partijiet jaqblu li dan l-artikolu ghandu jghodd ghall-kaz odjern. Madanakollu s-socjeta` attrici ssottomettiet li l-perjodu preskrittiv ghandu jibda jiddekorri minn meta jinghalqu l-kontijiet ta' bejn il-partijiet *stante* li bejniethom hemm kont kurrent.

"Illi l-fatti ewlenin li johorgu mill-atti juru li l-kumpanija attrici kien ilha s-snin tforni lill-konvenut b'konsenji regolari ta' merkanzija bl-ingrossa ghall-bejgh fil-hanut tieghu. Il-konvenut qal li kien ihallas *"regolarment ma' kull zewg konsenji tal-fatturi b'lura"*. Il-konvenut qal ukoll li kien ilu f'relazzjonijiet kummercjali mas-socjeta` attrici bejn 1998 sa 2005. Matul dawn is-snin kien baqa' ihallas fuq fatturi mahruga b'lura, u l-fatturi mertu ta' din il-kawza jghid li kien hallashom.

"Skont is-socjeta` attrici, id-dritt taghha kien "*jiskatta minn dakinhar li gew biex jaghlqu l-kontijiet ta' bejniethom."*

"Illi huwa minnu li l-preskrizzjoni f'kaz ta' azzjoni mibnija fuq kont kurrenti ma tibdiex tghaddi qabel ma l-kont jigi likwidat[7], ghalkemm jinghad ukoll li l-preskrizzjoni tapplika ghal kull partita ta' dejn minkejja li tkun taghmel parti minn servizz kontinwu[8]. F'kull kaz, iz-zmien ta' preskrizzjoni applikabbli huwa dak ta' hames snin[9].

"L-abbli difensur tal-konvenut jghid li l-fatt li l-konvenut kien jixtri diversi drabi minghand l-istess persuna ma hijiex ekwivalenti ghal kont kurrent. Meta sar il-hlas ma sarx akkont ta' xi kont globali li kien infetah u li fuqu kienu jizdiedu l-ammonti addebitati, kien isir hlas direttament fuq fattura partikolari.

"Skont l-artikolu 264 tal-Kap. 13 il-kont kurrent huwa deskritt bhala *"kuntratt li bih zewg persuni jiftiehmu li r-rimessi ta' xulxin jigu mnizzla f'kont bhala partiti ta' dejn u ta' kreditu, bl-obbligu tal-parti li kontra taghha jinsab il-bilanc meta jinghalaq il-kont li thallas dak il-bilanc".*

"Il-prova ta' l-allegat kuntratt ta' kont kurrent – li hu kuntratt *sui generis*: ara "*Giovanni Ziongo vs P.S. Giuseppe Papagiorcopulo"* - 7, Marzo, 1872, Corte di Commercio di Sua Maesta` Vol. VI – 137) - kienet tmiss

[7] Kumm. 12.3.1934 fil-kawza fl-ismijiet *Callus vs Psaila* (Kollez. Vol: XXVIII.iii.1277)
[8] Art. 2151(1) tal-Kap 16 u App.Kumm. 16.2.1914 fil-kawza fl-ismijiet *Borg vs Bartolo et* (Kollez. Vol: XXII.i.317)
[9] App.Inf. 7.11.1997 fil-kawza fl-ismijiet *Fenech noe vs Medina Food Manufacturing Co. Ltd.* (Kollez. Vol: LXXXI.ii.1121)

lis-socjeta` attrici. Fil-fehma tal-Qorti din il-prova ma saritx, u ghalhekk l-allegazzjoni li r-relazzjoni guridika bejn il-kontendenti kienet regolata minn kont kurrent, ma tistax tintlaqa'.

"Difatti jirrizulta li l-konvenut ma kienx ihallas akkont fuq kont globali imma kien ihallas ta' kull fattura, ghalkemm b'lura. Jirrizulta li hallas ghax-xoghol kemm qabel il-partiti in kontestazzjoni kif ukoll wara. Roseanne Scicluna xehdet li l-procedura tal-kumpanija attrici kienet li tinhareg ircevuta apparti meta jsir pagament. Ezempji ta' dawn l-ircevuti gew esebiti minnha (Dok RAS1 *et seq*) u kull ricevuta taghmel riferenza ghall-*invoice* partikolari.

"Ghalhekk mhuwiex minnu dak li qed issostni l-kumpanija attrici u fid-dawl tal-provi prodotti, ghandu japplika l-perjodu ta' hames snin preskrizzjoni dekorribbli mid-data tal-fattura Dok.A cioe` mit-3 ta' Novembru 1999. Din il-kawza, riferibbilment ghal tali fattura, giet ghalhekk istitwita *fuori termine* u ghalhekk it-tieni eccezzjoni qed tigi milqugha.

"<u>It-Tielet u r-Raba' Eccezzjonijiet</u>

"Ikun utili li l-Qorti tindirizza qabel xejn ir-raba` eccezzjoni. B'dan il-konvenut qed isostni li hallas l-ammont mitluba u, *inoltre* li l-kont muri f'DOK JC2 (fol 17) giet mixtrija mhux minghand is-socjeta` attrici. Filwaqt li l-attur esebixxa dokument taht l-intestatura *Trafalgar* (fol 17) is-socjeta` attrici esebiet fattura taht l-intestatura ta' *Carmlu Limited* (DOK B). L-original ta' DOK JC2 jinsab esebit a fol. 30 tal-process. L-ammont finali ma jikkombacjax bejn iz-zewg dokumenti imma qari tal-kwantitajiet juri li jittrattaw l-istess konsenja.

"Il-konvenut isostni li l-merkanzija inxtrat minn persuna differenti ghas-socjeta` attrici. Roseanne Scicluna, azzjonista u *managing director* ta' Carmlu Limited spjegat din id-divergenza billi qalet li hi tiggestixxi personalment hanut bl-isem *Trafalgar* u d-*delivery notes* kienu jinhargu taht l-isem ta' dan in-negozju. Meta mbaghad il-konsenja kienet tigi accettata, kienet tinhareg fattura *ai fini* ta' VAT minghand Carmlu Ltd. Filwaqt li d-*delivery note* kienet tirrigwarda konsenja li ghadha mhix ikkonfermata, il-fattura kienet tirrigwarda l-merkanzija li tkun ittiehdet mill-klijent/konvenut. "*Fil-maggor parti tal-kazijiet tal-konsenji lill-konvenut, id-delivery notes kienu jkunu mahrugin fuq intestatura ta' Trafalgar.*" Fir-rigward tad-DOK JC2, il-fattura hija dik esebita bhala DOK B (a fol. 3A) datata 25 ta' Marzu 2003.

"Il-konvenut cahad dan l-arrangament u qal li kien jixtri minghand Roseanne Scicluna personalment ukoll u mhux biss minn Carmlu Limited. Qal li kien ihallasha personalment izda ma gab l-ebda prova ta' hlas direttament lil Scicluna.

"Il-Qorti tifhem li kumpanija jista' jkollha arrangament informali fil-gestjoni tan-negozju taghha u l-ispjegazzjoni ta' Roseanne Scicluna hija wahda kredibbli fic-cirkostanzi. Ix-xiri kien isir minn mahzen wiehed fejn ukoll kien isir il-hlas.[10] Difatti impjegat tas-socjeta` attrici Emanuel Farrugia xehed li l-kumpanija kienet qabbditu biex ifittex ircevuti taghha li setghu hargu fir-rigward ta' dawn iz-zewg konsenji. *Inoltre* l-konvenut kien ilu s-snin jinnegozja mal-kumpanija attrici kif rapprezentata minn Roseanne Scicluna u ma jirrizulta minn imkien li kienet qed issir id-distinzjoni pretiza minnu. Il-Qorti hija soddisfatta li l-intestatura fuq id-dokument premess kienet wahda ghall-htiegiet amministrattivi in kwantu l-bejgh u l-fattura relattiva ghall-bejgh kien isir minn mahzen wiehed tal-kumpanija attrici u iffatturat mill-kumpanija attrici.

*"L-ammont thallas*

"Jibqa' l-ezami tat-talbiet attrici fir-rigward tal-allegat hlas fatturi Dok A u Dok B.

"Il-Qorti tibda biex tghid li l-prova tal-pagament imiss lil min jallegah, f'dan il-kaz il-konvenut.

"Dwar il-kelma *Paid* u *Paid* u *Settled* miktuba fuq id-dokumenti a fol.15 sa 17(JCu u JC2) u l-originali a fol.30 u 31 m'ghandhiex ghalfejn tiddelunga. Il-konvenut ma kienx konsistenti fix-xhieda tieghu. Fil-bidu sostna li dawn huma mhallsa b'riferenza ghall-kitba '*paid* u *settled'* fuqhom u li anke kienet kitbithom xi drabi Roseanne Scicluna. Sussegwentement ammetta li gieli kien jitkeb '*paid'* hu stess wara li jaghmel *double checking.* Dan ifisser li l-kelma '*paid'* fuq il-fattura, minghajr prova ohra korroborattiva mhix prova ta' hlas ghaliex kull debitur jista' jikteb '*paid*' fuq fatturi li baqaghlu jhallas u jippretendi li d-dejn tieghu gie ikkancellat.

"Roseanne Scicluna baqghet tichad li l-kliem *paid* u *settled* murija fuq il-fatturi a fol 30 u 31 kienu miktubin minnha u qalet li kienet dejjem tohrog ricevuta *ai fini* ta' taxxa. Dan kollu jsib is-sostenn tieghu fil-konkluzjoni cara u inekwivoka tal-espert kaligrafiku Joseph Gaffiero fir-rigward ukoll tad-DOK JC2 ma kellu l-ebda dubju li *"dawn il-kliem ma kitbithomx hi imma huma foloz. Insostni li l-kelma 'settled' (fol.15 u 16) huma ikkuppjati u mxebbha ma' taghha, izda huma foloz, daqs kemm hi falza l-kelma 'Paid' li min kitibha ma kellux mnejn jikkopjaha!"*

"Inutili ghall-konvenut li jibqa' jghid li dawn setghu inkitbu minn addett iehor tal-kumpanija ghaliex din il-prova ma tressqitx. Anzi ghal kuntrarju kemm Scicluna kif ukoll Farrugia sostnew li kienet hi biss li kienet tiehu hsieb il-hlasijiet. Lanqas l-*accountant* li l-konvenut qabbad biex jaghmel *double checking* mieghu qatt ma kiteb fuq il-fatturi.

[10] Xhieda Emmanuel Farrugia a fol.38 tal-process.

> "Fid-dawl tal-provi prodotti, il-Qorti mhix ser tilqa' it-tielet u r-raba' eccezzjoni in kwantu li jolqtu l-fattura Dok B li l-Qorti tqis li ghadha ma thallsitx."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` attrici Carmlu Limited, li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti cahdet l-ewwel, it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tal-konvenut, u kkundannatu jhallas is-somma ta' €6,672.30, tirrevoka u thassar dik il-parti tas-sentenza fejn giet milqugha t-tieni eccezzjoni tal-konvenut. Talbet minflok li l-konvenut jigi ordnat ihallas ukoll lis-socjeta` appellanti s-somma ta' €13,683.48, flimkien mal-imghax b'effett mill-25 ta' Marzu, 2003, sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

Rat ir-risposta tal-appell ta' Joseph Cachia, li permezz taghha talab lil din il-Qorti, tichad l-appell tas-socjeta` appellanti, tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Jannar, 2014, fl-ismijiet premessi fl-intier taghha, salv kwalsiasi dikjarazzjoni u/jew provvediment li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun, fir-rigward tat-tieni aggravju tas-socjeta` appellanti. Bl-ispejjez kontra taghha.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell in ezami u rat li l-kawza baqghet differita ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawza, s-socjeta` attrici appellanti, talbet il-hlas tas-somma ta' Lm8,738.74, ekwivalenti ghal €20,355.79, rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut appellat. Din is-somma pretiza hija msejsa fuq zewg fatturi esebiti flimkien mar-rikors promotur, l-ewwel wahda bl-ittra "A" li ggib id-data tat-3 ta' Novembru, 1999, ghall-ammont ta' Lm5,874 u l-ohra bl-ittra "B" datata 25 ta' Marzu, 2003, ghall-ammont ta' Lm 2,864.42.

Il-konvenut appellat laqa' ghall-pretensjonijiet attrici b'numru ta' eccezzjonijiet, fosthom dik tal-preskrizzjoni kwinkwennali mahsuba taht l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u fil-mertu, li l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici jinsab debitament imhallas.

L-ewwel Qorti filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, salv dik tal-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, li ntlaqghet fil-konfront tal-pretensjonijiet attrici fuq l-ewwel fattura li ggib id-data tat-3 ta' Novembru, 1999, u kwindi laqghet it-talbiet attrici limitatament safejn jissejsu fuq it-tieni fattura datata, 25 ta' Marzu, 2003, bl-imghax jiddekorri mill-25 ta' Marzu, 2005. B'dan illi l-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

Ghandu jinghad mal-ewwel li, in tema legali jigi osservat li, l-azzjoni attrici hija wahda ghall-hlas tal-bejgh ta' merkanzija bl-ingrossa, fejn il-konvenut bhala x-xerrej, kien jixtri kwantita` ta' merkanzija, sabiex huwa jaghmel negozju billi jbigh l-istess merkanzija mill-hanut tieghu fil-Belt. Bhala regola generali l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda tghaddi mill-gurnata li fiha l-azzjoni tista' tigi ezercitata (Artikolu 2137 tal-Kodici Civili). Il-ligi tipprovdi wkoll ghas-sitwazzjonijiet fejn il-preskrizzjoni titqies li tinkiser. Fost ic-cirkostanzi mahsuba mil-ligi li jiksru l-preskrizzjoni, wiehed isib (a) it-talba b'att gudizzjarju; (b) bl-gharfien tal-jedd tal-parti li kontra taghha kien ghaddej iz-zmien tal-preskrizzjoni; jew (c) bi hlas akkont (Artikoli 2128, 2133 u 2134 tal-Kodici Civili).

Jezistu cirkostanzi wkoll fejn il-preskrizzjoni eccepita tista' titqies rinunzjata, bhal f'dawk il-kazijiet fejn id-debitur jadotta linja ta' difiza li tpoggih fi stat, li tirrendi nkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-eccezzjoni moghtija minnu tal-preskrizzjoni. Ezempji ta' dan il-kaz huwa fejn id-debitur jikkontesta l-pretensjonijiet attrici bhala esagerati u kwindi jressaq argumenti dwar l-allegat bilanc dovut, jew fejn apparti l-preskrizzjoni jeccepixxi wkoll il-kompensazzjoni. Tali eccezzjonijiet jimportaw rikonoxximent tad-dejn u tali rikonoxximent jinterrompi l-preskrizzjoni, kif ukoll rinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun lahqet ghaddiet. Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta' Dicembru 1901 fil-

kawza fl-ismijiet **Farrugia v. Petrini**, tissejjah "*l'abdicazione di un diritto*."

Hekk ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Gunju, 2009, fil-kawza fl-ismijiet **Peter Paul Muscat et v. Peter Muscat Scerri** inghad:

> "*Fil-kawza Vella v. Cefai noe, deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 2001, intqal li filwaqt illi l-eccezzjoni tal-pagament ma kenitx inkompatibbli ma' dik tal-preskrizzjoni, gie minn dejjem sostnut illli hija nkompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni dik ta' inezistenza assoluta tal-kreditu jew dik tal-kompensazzjoni. Fl-istess sens hija s-sentenza moghtija minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fit-22 ta' Novembru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet Vella v. Moby Rentals Ltd. Anke jekk, it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` kjamata in kawza tinqara fis-sens li t-talba tal-attur hi esagerata (ghax ghad-danni li sofra gia` inghata rimedju), tali eccezzjoni twaqqa' dik ta' preskrizzjoni kif inghad minn din il-Qorti fil-kawza Aluminium Ltd. v. Earli Ltd., deciza fis-16 ta' Frar, 2004*."

Kwindi, kif rilevat mill-ewwel Qorti, l-eccezzjoni tal-pagament, fiha nnifisha mhix inkompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, sakemm ma tirrizultax prova li sar hlas jew xi pagament akkont tad-debitu, li jikkostitwixxi gharfien tad-dejn u dan l-att fih innifsu jservi ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Kif inghad minn din il-Qorti, fis-sentenza taghha tal-24 ta' Gunju, 2016, fil-kawza fl-ismijiet **Philip Gatt et v. Joseph Schembri et:**

> *"Kif pero` qalet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha fl-ismijiet Vella v. Moby Rentals Ltd (22 ta' Novembru 2001) "L-eccezzjoni tal-pagament mhix inkompatibbli ma' dik tal-preskrizzjoni. Hija inkompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, dik tal-inezistenza assoluta tal-kreditu jew tal-kompensazzjoni" (Volum XXX.i.964)."*

In kwantu ghal min jispetta li jressaq il-prova mehtiega, fir-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, hija regola ewlenija fil-procedura li, l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni (l-konvenut), u ghalkemm il-parti attrici tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti konvenuta, billi tmeri li ghadda z-zmien, jew billi ggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn meta dik il-kawza setghet titressaq (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, tat-30 ta' Ottubru, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Stencil Pave (Malta) Ltd v. Dr. Maria Deguara noe**.) Inghad ghalhekk ukoll li meta konvenut jeccepixxi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni imiss lilu li jipprova li t-terminu tal-preskrizzjoni jkun ghalaq jew skada u ghalhekk li l-prova ta' preskrizzjoni tkun saret. Izda jekk dan jigi pruvat, imiss imbaghad lill-attur li jipprova illi l-kors tal-preskrizzjoni kien gie validament interrott u f'dan is-sens hija s-sentenza **Paolo Calleja v. Luigi Vella** (Appell Civili deciza fil-15 ta' April 1964).

Trattati dawn il-punti legali imiss li jigu trattati l-aggravji tas-socjeta` attrici appellanti. Permezz tal-ewwel aggravju taghha, s-socjeta` attrici appellanti tikkontendi li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta laqghet it-tieni eccezzjoni in kwantu sabet li t-talba attrici ghall-hlas tas-somma ta'

€13,683.48, hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, izda tghid li din l-eccezzjoni kellha tigi wkoll michuda. Dan l-aggravju jissejjes principalment fuq tliet argumenti. (i) Kont Kurrenti; (ii) Interruzzjoni/Rinunzja tal-Preskrizzjoni u (iii) Ricevuti/Dikjarazzjonijiet Foloz.

Fl-ewwel argument taghha, s-socjeta` attrici tishaq li, bejn il-kontendenti kien hemm sistema ta' kont kurrenti u mhux kif inghad mill-ewwel Qorti, li kull fornitura kienet tikkonsisti f'negozju separat u indipendenti. Issir referenza ghax-xhieda tal-konvenut fejn inghad minnu li kien ilu jinnegozja mas-socjeta` attrici ghal madwar disa' snin u li kien jiehu ordnijiet minghandha regolarment, mentri s-sistema ta' hlas bejniethom kienet, mhux li jhallas ta' kull konsenja li jiehu, izda li jaghmel pagamenti li jaqtghu pendenzi ta' konsenji li jkunu saru. Is-socjeta` attrici taghmel referenza wkoll ghax-xhieda ta' Roseanne Scicluna, in rapprezentanza tas-socjeta` attrici, li qalet li l-metodu li bih kien ihallas il-konvenut, kien permezz ta' ammonti zghar u li riferibilment ghall-fatturi in kwistjoni, ma jistax ikun li thallsu mill-konvenut f'okkazjoni wahda. Jinghad ukoll minnha li l-fattura in kwistjoni kienet tirreferi ghal varji konsenji u mhux ghal konsenja wahda.

Jibda billi jigi osservat li, filwaqt li ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar l-applikabbilita` tal-perjodu preskrittiv kontemplat fl-

Artikolu 2156(f) ghall-kaz in ezami, kienu jikkontrastaw fis-sens li filwaqt li l-konvenut appellat jikkontendi li t-terminu preskrittiv ta' hames snin lahaq iddekorra, bejn il-fattura datata 3 ta' Novembru, 1999 u l-ewwel ittra ufficjali li saret fl-4 ta' Novembru, 2005, is-socjeta` appellanti tikkontendi li, ladarba kien jezisti l-kont kurrent bejn il-kontendenti fil-kawza, l-perjodu preskrittiv seta' jiskatta biss meta jinghalaq il-kont, li hija tghid inghalaq fis-sena 2004.

Din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tas-socjeta` attrici appellanti, taht l-ewwel aggravju taghha, in kwantu kif inghad mill-ewwel Qorti, ladarba s-socjeta` attrici kienet qeghda tinvoka li kien jezisti kont kurrent bejniethom, kien jispetta lilha li tressaq tali prova. Kif inghad minn din il-Qorti, fis-sentenza taghha tat-30 ta' Mejju, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Dominic Department Stores Ltd. v. Malta Dairy Products Ltd**.:

> "*Il-prova ta' l-allegat kuntratt ta' kont kurrent – li hu kuntratt sui generis: (ara [Giovanni Ziongo vs P.S. Giuseppe Papagiorcopulo 7, Marzo, 1872, Corte di Commercio di Sua Maesta` Vol. VI – 137]) - kienet tmiss lis-socjeta` attrici. Din il-prova ma saritx, u ghalhekk l-allegazzjoni li r-relazzjoni guridika bejn il-kontendenti kienet regolata minn kont kurrent, ma tistax tintlaqa'*."

Mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut appellat kienu jiehu konsenji minghand is-socjeta` attrici fuq bazi regolari, ma jirrizultax li kien hemm xi arrangament specifiku dwar kif kellu jsir il-hlas. Il-partijiet jaqblu li l-hlas ma kienx isir ma' kull konsenja, izda l-verzjonijiet ivarjaw dwar kif u meta kien isiru l-pagamenti. Li hu zgur huwa li skont zewg fatturi ohra

mahruga mis-socjeta` attrici fis-sena 2001, esebiti in atti, kienu ghaddew diversi xhur sabiex dawn thallsu permezz ta' hlasijiet parzjali. Izda jirrizulta wkoll li l-ircevuti mahruga mis-socjeta` attrici huma mahruga specifikatament fil-konfront ta' fatturi bin-numru taghhom indikat fuq l-istess ircevuti u mhux hlasijiet li saru akkont b'mod generali. Dan aktar jindika li ghalkemm in-negozju bejn il-kontendenti fil-kawza kien wiehed kontinwu, peress li l-fornituri kienu jsiru fuq bazi frekwenti, kull partita ta' bejgh kienet tigi trattata b'mod separat. Ma jirrizultax anqas li kien jinhareg xi kont fil-konfront tal-konvenut fejn jigu annotati d-debitu u l-kreditu ta' kull transazzjoni (kif jipprovdi l-Artikolu 264 tal-Kodici tal-Kummerc dwar il-kont kurrent), bil-bilanc dovut mill-konvenut jigi aggornat, izda kull fattura kienet tigi trattata b'mod individwali.

Ghalkemm is-socjeta` appellanti f'dan l-istadju tikkontendi li l-fattura datata 3 ta' Novembru, 1999, tirraprezenta diversi konsenji li saru, lanqas f'dan il-kaz ma tressqet prova konvincenti jew tal-inqas indikat id-dati meta saru dawn l-varji konsenji. Hekk ukoll, ghalkemm ir-rapprezentanta tas-socjeta` attrici tikkontendi li mhux il-kaz li l-konvenut hallas l-ammonti pretizi kollha f'daqqa, peress li huwa kien ihallas ammonti zghar, lanqas ma ntweriet xi rcevuta li biha wiehed seta' jghid li sar xi hlas akkont li interrompa l-perjodu preskrittiv. Fi kwalunkwe` kaz, kif ritenut mill-ewwel Qorti, l-preskrizzjoni tapplika ghal kull partita ta' dejn u ladarba l-perjodu preskrittiv huwa dak ta' hames snin, m'hemmx

dubju li dan il-perjodu lahaq ghadda mid-data tal-fattura in kwistjoni, sa ma sar l-ewwel att gudizzjarju.

It-tieni argument tas-socjeta` attrici appellanti huwa dak dwar l-interruzzjoni/rinunzja tal-preskrizzjoni. Hija tikkontendi li l-ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra li l-konvenut, bl-agir tieghu, interrompa jew irrinunzja ghat-terminu preskrittiv li seta' ddekorra favurih. Filwaqt li tikkoncedi li l-eccezzjoni tal-hlas hija kompatibbli ma' dik tal-preskrizzjoni, il-hlas jista' jkun prova ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni jew rinunzja ghall-preskrizzjoni u tikkontendi li hekk gara f'dan il-kaz. Jinghad minnha li filwaqt li ghall-bidu l-konvenut kien jitlob li jivverifika l-konteggi tieghu dwar il-pretensjonijiet attrici, kien biss fl-ahhar li huwa hareg bil-verzjoni li huwa hallas u ghalhekk kellha ssir il-kawza. Da parti taghha saret referenza ghax-xhieda tal-partijiet f'dan is-sens, kif ukoll ghal ittra legali mibghuta ghan-nom tal-konvenut, fejn kienu ntalbu kopji tal-fatturi sabiex isiru l-verifiki opportuni u saret proposta ta' laqgha sabiex tigi solvuta l-vertenza bejn il-partijiet. Is-socjeta` appellanti tishaq li tali atteggjament huwa ekwivalenti ghal interruzzjoni jew rinunzja tal-preskrizzjoni u ticcita xi gurisprudenza fis-sens li debitur li juri ruhu disponibbli li tigi saldata kull pendenza mal-kreditur, ikun hemm tassew interruzzjoni.

Kif inghad qabel, ladarba l-konvenut kien qieghed jeccepixxi li sar il-hlas, huwa minnu li kien jispetta lilu li jgib il-prova ta' tali pagament. Jigi pprecizat li ghalkemm il-konvenut appellat jikkontendi li hallas, ma ssir ebda referenza minnu ghal meta sar dan il-hlas. Huwa jixhed b'mod generali li ma' kull zewg konsenji, huwa kien imur ihallas xi fatturi li jkunu b'lura u jiehu konsenja ohra. Izda l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni mressqa minnu trid tigi determinata l-ewwel u kif inghad qabel, il-konvenut irnexxielu jipprova li ddekkorra l-perjodu preskrittiv citat minnu. Ladarba s-socjeta` attrici qeghda tressaq l-argument li sehhet l-interruzzjoni jew ir-rinunzja ta' preskrizzjoni, kien imbaghad jispetta lilha li tressaq tali prova ta' interruzzjoni jew rinunzja.

Fis-sentenza msemmija qabel fl-ismijiet **Dominic Department Stores Ltd. v. Malta Dairy Products Ltd**, citata qabel, issir referenza ghal sentenza ohra moghtija minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju, 1952, fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Micallef v. Brigadier John Belle Mc Cance** noe. (Kollez. Vol XXXVI.ii.133) jinghad hekk:

> "*Illi r-rikonjizzjoni interruttiva ghar-rinunzja ghall-preskrizzjoni kompita tista' tkun diretta u espressa, b'dikjarazzjoni formali tal-volonta` li jigi rikonoxxut id-dritt; tista' tkun diretta u tacita, b'fatti li fihom infushom immedjatament juru dik il-volonta`; u tista' tkun indiretta jew prezunta, dedotta minn fatti konkludenti inkompatibili mal-volonta` tal-preskriventi li jikkontesta l-ezistenza u l-ezercizzju tad-dritt. Ir-rinunzja tacita hi kwistjoni tal-volonta` prezunta tad-debitur, u kwindi ma hemmx rinunzja jekk hu jesprimi ruhu b'mod li jimmanifesta pjuttost l-intenzjoni li ma jirrikonoxxix id-dritt;*

"*Ma hemmx dubju li, kif jghidu Marcade` u Pont (Spiegaz. Teor. Prat. Cod. Nap., XI. P. 190, para. 179), "........... nel caso di contesa sulla circostanza della ezistenza della ricognizione, la prova appartiene a colui che la invoca...........*"

"*Biex l-attijiet tad-debitur jigu nterpretati bhala rikonoxximent, jehtieg li jkunu univoci ...... Il-Baudry- Lacantinerie (Tratt. Teor. Prat. Dto. Civ., pag. 393 et seq) jikkontempla diversi kazijiet fejn tidhol il-kwistjoni tar-rikonoxximent, u jghid (ara nota (3) pag. 393) illi:- "**Dei semplici colloqui tra creditori e debitori non potrebbero evidentemente implicare il riconoscimento del debito***". (enfasi maghmul minn din il-Qorti).

Hekk ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tad-9 ta' Frar, 2005, fil-kawza fl-ismijiet **Austin Psaila v. Lother Slabick,** inghad:

"*Illi l-gurisprudenza tghallem illi gharfien tal-jedd mid-debitur irid ikun wiehed car u univoku. Inoltre semplice kollokwji jew konversazzjonijiet bejn il-kreditur u id-debitur ma jammontawx ghal rikonoxximent tad-dejn u ghalhekk ma jistghu qatt jinterrompu l-preskrizzjoni jew inkella jigu interpretati bhala rinunzja da parti tad-debitur ghal preskrizzjoni li jkun idekorra favur tieghu. (ara sentenza PA 15.10.2003 – Perit Arkitett Joseph Barbara vs Segretarju tal-War Damage Commission, u ukoll Appell Superjuri 30.05.2003 – Domenic Department Stores Ltd. vs Malta Dairy Products Ltd.)*

*"… r-rikonoxximent stabbilit mill-precitat Artikolu 2133 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni ta' l-ezistenza tad-dritt. Ad exemplum, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f' denunzja tas-successjoni jew f'forma ta' entrata fl-accounts;*

"*Jinsab precizat ukoll, kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini ta' l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta`, tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivocita`, dejjem b'mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att;*

"***Jibqa' dejjem imperattiv illi l-prova dwar dawn l-istess rekwiziti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti**. Zgur li mhux mistenni li din il-prova ssir mill-Qorti jew mit-Tribunal li, anzi, ghandu l-kompitu li jiddeciedi "iuxta allegata et probata". Tajjeb li hawn jigi mfakkar illi, kif drabi ohra deciz, "**jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta'***

> ***provi, allura l-konsegwenza m'hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, jkun ugwalment fatt illi l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni**." (**Kollez. Vol. XXX P I p 989**). Ghaldaqstant dak li hu mportanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun car u esplicitu (**Kollez. Vol. XXXVIII P III p 723**);"* (enfasi maghmul minn din il-Qorti).

Filwaqt li, l-istess Qorti fis-sentenza taghha tat-28 ta' April, 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cassar noe. v. Sunny Muscat,** inghad:

> *"Ghall-precizazzjoni r-rikonoxximent ghall-iskop tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni hi konfigurabbli mill-koezistenza ta' dawn ir-rekwiziti, jigifieri, (a) il-volontarjeta`; (b) ix-xjenza tad-debitu fil-konvenut; (c) l-inekwivocita` u (d) l-esternazzjoni tar-rikonoxximent permezz ta' dikjarazzjonijiet u minn kwalunkwe fatt iehor li jimplika ammissjoni, ad exemplum, l-weghda tal-hlas, xi rikjesta biex jinghata dilazzjoni tal-pagament, u l-hlas akkont (Kollez Vol XXIX pI p755; Vol XLIII pII p744; "Victor Calleja noe –vs- Nazzareno Vassallo et noe", Appell, 5 ta' Ottubru 1998). Naturalment l-indagini biex tigi stabbilita jekk certu fatt jew dikjarazzjoni jikkostitwixxiex rikonjizzjoni tad-dejn jirrientra fil-qafas tal-poter diskrezzjonali tal-gudikant. Diskrezzjoni li tibqa' insindakabbli jekk jirrizulta li din tkun nieqsa minn vizzji logici jew skorrettezzi tad-dritt."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, ma jirrizultax li l-konvenut appellat bhala debitur irrikonoxxa b'mod inekwivoku d-dritt ta' hlas pretiz mis-socjeta` attrici. Il-fatt li ntalab zmien sabiex huwa jaghmel il-verifiki opportuni jew li l-avukat tieghu, minghajr pregudizzju, talab li ssir laqgha, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma jistghu qatt jitqiesu li nterrompew l-preskrizzjoni, jew inkella jigu interpretati bhala rinunzja da parti tal-konvenut ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Kif inghad f'ghadd ta' decizjonijiet ta' dawn il-Qrati, l-gharfien u l-istqarrija tal-jedd tal-attur, sabiex isservi bhala raguni ghall-ksur ta' preskrizzjoni, trid tkun cara u

mhux mahsuba jew implikata minn kliem jew ghemil vag. (Ara sentenzi ta' din il-Qorti tad-29 ta' April, 1976, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Carabott et v. Lorenzo Decelis,** kif citata fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta' Gunju, 2011 fl-ismijiet **Raymond Grech et v. Stefan Borg**).

Qajla jista' jinghad li l-gurisprudenza citata mis-socjeta` attrici tapplika ghall-kaz in ezami, peress li fl-ewwel lok, f'dan il-kaz qatt ma saret xi eccezzjoni li l-ammont pretiz huwa wiehed esagerat jew li gie kontestat il-*quantum* pretiz mis-socjeta` attrici, f'liema kaz jista' jinghad li tirrizulta inkompatibbilità mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, u fit-tieni lok lanqas jirrizulta li l-konvenut iddikjara li jekk it-talba attrici tirrizulta gustifikata, huwa kien lest li jhallas, attitudni li tista' twassal ghall-interruzzjoni jew rinunzja tal-preskrizzjoni. Anzi tul il-proceduri l-konvenut konsistentement sahaq li fil-fehma tieghu l-ammont pretiz mhux dovut minhabba t-trapass ta' zmien u li fi kwalunkwè kaz, li jinsab imhallas. Isegwi li lanqas minn din il-perspettiva l-aggravju tas-socjeta` attrici ma jista' jirnexxi, peress li ma rnexxilhiex tipprova li sehhet l-interruzzjoni jew ir-rinunzja tal-preskrizzjoni.

It-tielet argument imressaq mis-socjeta` attrici huwa fis-sens li l-konvenut ressaq zewg dokumenti mar-risposta guramentata tieghu bhala prova tal-hlas, bil-kliem "*Paid"* u "*Settled*", li irrizulta li fihom kitbiet

foloz, peress li tali kitbiet ma rrizultawx li huma ta' Roseanne Scicluna, hekk kif stabbilit mill-espert kaligrafiku appuntat mill-Qorti. Issostni li ladarba gew esebiti l-fatturi orginali li fuqhom ma hemm ebda notament simili, dawn in-notamenti jinsabu biss fuq id-dokumenti li jinsabu fil-pussess tal-konvenut. Tishaq li l-ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra li (i) l-konvenut ressaq dawn id-dokumenti l-ewwel darba mar-risposta guramentata tieghu bhala difiza; li (ii) l-konvenut strah unikament fuq dawn id-dokumenti bhala prova ta' hlas u (iii) ghalkemm d-dokument ma jiswiex bhala prova ta' hlas, zgur li jiswa bhala prova ta' rikonoxximent da parti tal-konvenut fil-konfront tal-kreditu tas-socjeta` attrici.

Ghandu jigi pprecizat li, ghalkemm l-espert tal-kalligrafija kkonkluda li l-kitba tal-kliem "*Paid*" u "*Settled*" kienu "*foloz*", huwa in eskussjoni spjega li ried ifisser li dawn il-kliem ma sarux minn Roseanne Scicluna. Fil-verità, l-konvenut in kontro-ezami, kien diga` kkonceda li whud mill-kliem "*Paid*" fuq diversi fatturi kienu tieghu sabiex ikollu notament li hallashom. Kienet il-kelma "*Settled*" u f'certu kazijiet li l-kelma "*Paid"*, li huwa jikkontendi li ma kenux tieghu, izda tar-rapprezentanta tas-socjeta` attrici. Issa, ghalkemm l-espert kaligrafiku eskluda li l-kliem "*Settled"* u "*Paid*" inkitbu minn Roseanne Scicluna, hadd mill-partijiet ma talab li jsir konfront bejn il-kitba fuq il-fattura tat-3 ta' Novembru, 1999, mal-kalligrafija tal-konvenut, kwindi ma jistax jinghad fic-cert li kien il-

konvenut li ghamel il-kliem “*Settled*” u “*Paid*” fuq il-fattura tat-3 ta’ Novembru, 1999.

Inoltrè kif inghad qabel, il-fatt li l-konvenut eccepixxa l-hlas, u kif wara kollox, jinghad mill-istess socjeta` appellanti, fir-rikors tal-appell taghha, fiha nnifisha din l-eccezzjoni, mhix inkompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Sfortunatament ghas-socjeta` attrici appellanti, ma hemm ebda data marbuta mal-kelma “*Settled*”, li fuqha tista’ torbot sabiex tipprova l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni u l-fatt li hija qeghda tghid li ma sar ebda hlas fuq l-imsemmija fattura, jkompli jikkonferma li l-azzjoni gudizzjarja mehuda minnha sabiex tirkupra l-ammont dovut lilha fuq il-fattura tat-3 ta’ Novembru, 1999, saret *fuori termine* stante li ma kien hemm ebda hlas akkont li seta’ jservi ghall-fini ta’ interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

Jinghad ukoll, fil-konfront tal-gurisprudenza citata mis-socjeta` attrici appellanti, li ghalkemm fis-sentenzi hemm citati, jinghad li xhud li jinqabad li jixhed il-falz mhux attendibbli, jew fejn irrizultat firma falza, l-verzjoni tal-konvenuti ma kienx jisthoqqilha li tigi emmnuta, wkoll ma huma ta’ ebda sufragju ghas-socjeta` attrici appellanti. Dana peress li hawn ukoll ikun ifisser li ghall-ghanijiet tal-preskrizzjoni, l-azzjoni attrici fuq il-fattura tat-3 ta’ Novembru, 1999, ma tistax tirnexxi, peress li

ladarba ma giex ippruvat xi hlas, lahaq iddekorra z-zmien bejn meta saret il-fattura u meta nbdew il-proceduri gudizzjarji.

Kwindi ladarba lanqas it-tielet argument ma jregi, l-ewwel aggravju tas-socjeta` attrici appellanti, ma jimmeritax li jintlaqa' u ser jigi michud.

Jonqos li jigi trattat l-ahhar aggravju tas-socjeta` attrici appellanti, dak li jikkoncerna l-hlas tal-imghax kummercjali fuq l-ammont li l-konvenut gie kkundannat li jhallas, mill-25 ta' Marzu, 2003, li hija d-data tal-ahhar konsenja, filwaqt li l-ewwel Qorti ffissat il-hlas tal-imghax jibda' jiddekorri mill-25 ta' Marzu, 2005. Hija tikkontendi li dan kien zball da parti tal-ewwel Qorti, peress li tinsisti li ghandha l-jedd titlob l-imghax mid-data tal-ahhar konsenja. Targumenta li dan jghodd ukoll fil-kaz tal-ispejjez, in kwantu fil-fehma taghha dawn kollha kellhom jigu sopportati mill-konvenut.

Il-konvenut appellat da parti tieghu jsostni li, dan kien zball li seta' gie rettifikat a bazi tal-Artikolu 825 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u ma kienx hemm bzonn ta' appell f'dan ir-rigward. Ghalhekk m'ghandux ibati spejjez.

L-artikolu 825 tal-Kapitolu 12, jaghti il-jedd lill-partijiet fil-kawza li jitolbu korrezzjoni f'xi zball li jkun sar fis-sentenza tal-Qorti. L-artikolu tal-ligi

jaghmel distinzjoni bejn zewg tipi ta' zbalji u cioe` l-izball ta' kalkolu u l-izball fil-kliem jew espressjonijiet uzati meta jinghad:

> *"825. (1) Id-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu ma jimpedux lill-Qorti, fuq rikors ta' wahda mill-partijiet, li ghandu jigi nnotifikat lill-parti l-ohra, milli tikkorregi b'digriet, f'kull zmien, xi zball ta' kalkolu li jkun sar fis-sentenza.*
>
> *(2) Lanqas ma jimpedixxu lill-Qorti milli tikkorregi zbalji fil-kliem uzat fis-sentenza, jew milli tbiddel espressjonijiet li ma jkunux cari, jew li jistghu jiftiehmu xort'ohra minn dak li kif jidher car riedet tfisser il-Qorti, kemm il-darba jsir rikors ghaldaqshekk fi zmien tletin gurnata minn dak in-nhar tas-sentenza, u f'dak il-kaz, iz-zmien moghti minn dan il-Kodici ghall-appell mis-sentenza li tkun giet hekk ikkorregguta, jibda jghaddi minn dak in-nhar tad-digriet moghti fuq it-talba għall-korrezzjoni."*

Ghalkemm huwa minnu, li s-socjeta` attrici appellanti setghet taghmel uzu minn dan ir-rimedju pprovdut taht l-Artikolu 825(2) hawn fuq citat, dan in-nuqqas fih innifsu mhux wiehed fatali ghall-appell in ezami. Fil-kaz ta' dan l-artikolu, l-ligi ma tivvjetax lil din il-Qorti milli tikkoregi zball *per se*, kuntrarjament ghal dak mahsub fl-artikolu 235 tal-Kap. 12, li jipprovdi specifikatament li ma jistax jitressaq appell minn *ab omissa decisione* meta l-ewwel Qorti tkun naqset milli tiddeciedi xi talba.

Kwindi ladarba minn qari tad-decide tas-sentenza appellata, jirrizulta car li dan huwa kaz ta' *lapsus calami,* peress li ghalkemm l-ewwel Qorti ddecidiet li takkorda l-imghaxijiet kummercjali, bi zball indikat li l-imghax kummercjali jiddekorri mill-25 ta' Marzu, 2005, meta l-fattura li l-konvenut gie kkundannat li jhallas, hija datata 25 ta' Marzu, 2003. Isegwi li dan l-aggravju tas-socjeta` attrici appellanti, ser jintlaqa'

limitatament sa fejn jikkoncerna l-imghax, b'dan illi s-socjeta` attrici appellanti, ghandha tissaporti l-ispejjez in konnessjoni ma' dan l-aggravju, ladarba kellha rimedju iehor disponibbli ghaliha.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti tiddeciedi li tiddisponi mill-appell imressaq mis-socjeta` attrici appellanti billi tilqghu limitatament, u filwaqt li tvarja s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Jannar, 2014, biss sa fejn l-imghax fuq l-ammont ta' sitt elef, sitt mija u tnejn u sebghin Ewro, u tletin centezmu (€6,672.30), ghandu jibda jiddekorri mill-25 ta' Marzu, 2003, tikkonfermaha fil-bqija.

Filwaqt li l-ispejjez tal-prim'istanza jibqghu kif deciz mill-ewwel Qorti, l-ispejjez marbuta ma' dan l-appell ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr